

AVVIŻ TA' POST BATTAL GĦAL ESPERT FL-IŻVILUPP TAL-KAPITAL UMAN

Lista ta' riserva - Aġenti temporanji - grupp ta' funzjonijiet AD, grad 7

Lest għall-isfida kbira li jmiss tiegħek?

Il-[Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ](#) (ETF) qed tftitx esperti fl-iżvilupp tal-kapital uman (HCD) biex jikkontribwixxu għall-kisba b'suċċess tal-[istrateġija](#) tagħha.

Filwaqt li taħdem mill-qrib ma' esperti oħra, ix-xogħol tiegħek se jinkludi li tikkontribwixxi: għall-foqien ta' għarfien ġdid fl-oqsma tematiċi tal-HCD, l-għoti ta' pariri ta' politika lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-pajjiżi fejn taħdem l-ETF ([pajjiżi sħab](#)), l-analiżi tal-politiki u l-prestazzjoni tas-sistemi tagħhom, l-involvement attiv mal-partijiet ikkonċernati internazzjonali u nazzjonali inklużi l-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali, ir-riċerka u s-soċjetà ċivili kif ukoll in-netwerks internazzjonali u tal-esperti.

Jekk għandek passjoni dwar l-HCD u fherqan li tappoġġa r-riformi tal-politika tal-pajjiżi sħab, fl-ETF se jkollok l-opportunità li tagħmel differenza f'ambjent professjonali dinamiku.

X'qegħdin noffru?

Tip ta' kuntratt: Aġent temporanju – Grupp ta' Funzjoni AD, grad 7.

Tul tal-kuntratt: 3 snin, li jista' jiġġedded – jew għat-tul ta' proġett speċifiku, soġġett għal perjodu ta' prova.

Salarju tipiku għal impjegat waħdu, b'sitt snin ta' esperjenza professjonali rilevanti; madwar EUR 4,580 nett / xahar; jew għal impjegat, b'sitt snin ta' esperjenza professjonali rilevanti, beneficiċju tal-espatrijazzjoni u wild dipendenti wieħed: madwar EUR 6,500 nett / xahar.

Fejn se taħdem?

Bħala espert tal-HCD, inti se taħdem f'wieħed mid-dipartimenti operattivi deskritti hawn taħt (bl-eċċezzjoni tal-Unità tal-Implimentazzjoni tal-Proġett).

Id-**Dipartiment taċ-Ċentru tal-Għarfien** imexxi l-kokreazzjoni, il-ġestjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien tal-ETF u tal-intelliġenza tal-ogħla livell. Fih:

- **l-Unità tal-Identifikazzjoni u l-Iżvilupp tal-Ħiliet** li tmexxi attivitajiet fl-oqsma tal-antiċipazzjoni, l-identifikazzjoni, l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet

- **I-Unità tal-Prestazzjoni u I-Valutazzjoni tas-Sistemi** li tipprovdi servizzi dwar il-monitoraġġ u l-valutazzjoni u l-attivitajiet fl-oqsma tal-prestazzjoni, il-kwalità u l-governanza tas-sistemi.

Id-**Dipartiment tal-Politika u s-Sensibilizzazzjoni Pubblika** għandu l-għan li jipprovdi pariri strateġiċi u mfassla apposta biex jippermettu riformi tal-HCD fil-pajjiżi sħab. Fih:

- **I-Unità tal-Pariri dwar il-Politika u l-Ipprogrammar tal-UE** li tmexxi l-għoti ta' pariri mfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi u fuq it-trawwim ta' sħubiji strateġiċi ma' istituzzjonijiet oħra ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp
- **I-Unità tal-Implimentazzjoni tal-Proġetti** li tmexxi l-implimentazzjoni tal-proġetti.

X'se tagħmel u kif se taħdem?

Bħala espert tal-HCD, inti se taħdem mill-qrib ma' esperti u membri **oħra** tat-tim. Inti se tiżviluppa relazzjonijiet produttivi u ta' kooperazzjoni fid-dipartimenti tal-ETF u esternament. Inti se tuża ħiliet ta' komunikazzjoni kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub ma' kategoriji differenti ta' partijiet ikkonċernati. Inti organizzat ħafna u ħaddiem f'tim b'moħħok miftuħ, entużjast u proattiv.

Inti se tkun responsabbli:

- għall-ħolqien konġunt ta' għarfien ġdid fil-qasam tal-iżvilupp tal-kapital uman f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja – eż. l-iżvilupp ta' għodod u metodoloġiji, it-twettiq ta' riċerka u studji ġodda, l-użu ta' approċċi innovattivi
- biex tiffaċilita l-konsulenza politika lill-UE u lill-pajjiżi sħab billi jiġu fformulati proċessi, għodod u metodoloġiji
- biex tikkontribwixxi għall-ipprogrammar tal-UE u għall-mekkaniżmi tad-djalogu politiku
- għall-analiżi tal-evidenza kwantitattiva u kwalitattiva dwar l-iżviluppi tematiċi u tal-pajjiż, il-progress tal-politika, il-prestazzjoni tas-sistemi
- għall-konnessjoni u s-sħubija mas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea, il-pajjiżi sħab u l-komunità internazzjonali
- għall-ġestjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien eżistenti u ġdid dwar l-ETF bl-użu ta' mezzi diversi, inkluż diġitali, biex tintlaħaq il-komunità internazzjonali.

Se tivvjaġġa ta' spiss kemm lejn il-pajjiżi fejn taħdem l-ETF kif ukoll lejn l-Istati Membri tal-UE.

Kriterji ta' eliġibbiltà

Sabiex titqies bħala eliġibbli, inti trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin fid-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet:

- 1 Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew [tal-pajjiżi fejn taħdem l-ETF](#)
- 2 Tgawdi minn drittijiet sħaħ bħala ċittadin
- 3 Tkun issodisfajt kwalunkwe obbligu impost mil-liġi rigward is-servizz militari
- 4 Tkun fiżikament b'saħħtek biex twettaq id-dmirijiet marbuta ma' din il-kariga
- 5 Ikollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas erba' snin iċċertifikati b'diploma, segwiti b'mill-anqas sitt snin ta' esperjenza professjonali jew

Ilkollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma, segwiti b'mill-anqas seba' snin ta' esperjenza professjonali

Jistgħu jiġu kkunsidrati biss diplomi li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

- 6 Ilkollok għarfien tajjeb (livell C1 fid-dimensjonijiet kollha skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi jew QKERL) ta' waħda mil-lingwi tal-Unjoni u jkollok għarfien sodisfaċenti (livell B2 fid-dimensjonijiet kollha skont il-QKERL), ta' lingwa oħra tal-Unjoni, sal-punt meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti.

Kriterji tal-għażla

Il-kandidati għandu jkollhom:

Esperjenza professjonali

- minimu ta' sitt snin - matul l-aħħar 10 snin - ta' esperjenza professjonali fil-qasam tal-iżvilupp tal-kapital uman, skont it-taqsim: X'se tagħmel u kif se taħdem?
- bħala parti mis-sitt snin ta' esperjenza fil-qasam tal-iżvilupp tal-kapital uman: mill-inqas tliet snin f'wieħed jew aktar mis-sub-oqsma li ġejjin:
 - I-iżvilupp ta' sistemi ta' taġħlim tul il-ħajja
 - is-suq tax-xogħol u l-politiki dwar l-impjegi
 - it-trasformazzjoni diġitali tat-taġħlim (formali, mhux formali u informali)

Għarfien u ħiliet tekniċi

- għarfien tajjeb ħafna tal-HCD u f'wieħed jew aktar mill-oqsma tematiċi tal-ETF¹
- għarfien u ħiliet tajbin ħafna fil-proċessi ta' konsulenza politika, għodod u strumenti fl-HCD
- għarfien u ħiliet tajbin ħafna fil-monitoraġġ u l-valutazzjoni fl-oqsma tematiċi tal-ETF
- ħiliet tajbin ħafna fl-applikazzjoni tal-politiki tal-UE u globali fi ħdan il-programmi u l-istrumenti fil-kuntest tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp
- ħiliet tajbin ħafna fin-networking u s-sħubijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali
- għarfien tajjeb tal-politiki tal-UE u dawk globali tal-HCD
- fehim tajjeb tal-ġestjoni tal-proġett
- Ingliż: livell C1 fid-dimensjonijiet kollha skont il-QKERL

Ħiliet personali tajbin ħafna

- fl-adattabilità
- fl-analiżi
- fit-trawwim ta' relazzjonijiet kollaborattivi

¹ Analiżi tad-domanda tal-ħiliet, politiki attivi tas-suq tax-xogħol, modernizzazzjoni tal-kwalifiki, eċċellenza vokazzjonali, taġħlim innovattiv, involviment tal-intrapriżi fl-iżvilupp tal-ħiliet, politiki tat-taġħlim tul il-ħajja, mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità u mekkaniżmi ta' governanza.

- fil-komunikazzjoni bil-fomm u bil-miktub
- f'organizzazzjoni awtonoma

Assi

- Għarbi, Franċiż jew Russu: livell B2 fid-dimensjonijiet kollha skont il-QKERL
- Esperjenza ta' xogħol f'pajjiżi sħab tal-ETF jew għalihom, u f'ekonomiji ta' tranżizzjoni oħrajn

Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija **s-7 ta' Jannar 2021 f'23.59 (Fin ta' Turin)**.

Inti mistieden tibgħat l-applikazzjoni tiegħek permezz tas-sit web tal-ETF, taħt it-taqsimiet “dwar” u mbagħad “reklutaġġ”.

Nirakkomandaw bil-qawwa li ma tistenniex sal-aħħar ġurnata biex tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, għaliex traffiku kbir tal-internet jew xi difett fil-konnessjoni tal-internet jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. L-ETF ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dewmien fl-applikazzjoni tiegħek minħabba diffikultajiet bħal dawn.

Rekwiżiti formali

Inti trid tipprovdi d-**dokumenti kollha** msemmija hawn taħt, **sad-data tal-għeluq**, preferibbilment bl-Ingliż:

- ittra ta' introduzzjoni ta' mhux aktar minn paġna waħda, li tispjega għaliex inti interessat fil-pożizzjoni
- curriculum vitae permezz tal-format tas-CV tal-Europass
- il-formola tal-kriterji tal-għażla kompluta

Jekk jogħġbok innota li l-applikazzjonijiet li jiġu ppreżentati online permezz tas-sit web tal-ETF biss, f'konformità mar-rekwiżiti formali msemmija hawn fuq, se jiġu aċċettati għall-fażi tal-għażla.

Għażla

Il-proċess tal-għażla jinkludi tliet fażijiet konsekuttivi:

Fażi 1 – Eżami tal-applikazzjonijiet

1.1 Eliġibbiltà

L-Unità tar-Riżorsi Umani tal-ETF se tirrevedi l-applikazzjonijiet kollha. L-applikazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u r-rekwiżiti formali kollha biss jgħaddu għall-fażi li jmiss.

1.2 Għażla għall-intervisti u t-testijiet bil-miktub

Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta fil-curriculum vitae u l-formola tal-kriterji tal-għażla, il-bord se jivvaluta l-applikazzjonijiet skont l-esperjenza professjonali, il-ħiliet tekniċi meħtieġa u l-assi. Il-kandidati li jippreżentaw l-aktar applikazzjonijiet xierqa se jiġu mistiedna jattendu għal intervista u għal testijiet bil-miktub. Huwa mistenni li se jiġu mistiedna madwar 15-il kandidat.

L-ETF qed tistenna numru kbir ta' applikazzjonijiet. Bħala konsegwenza, huma biss il-kandidati magħżula li se jiġu kkuntattjati mill-Unità tar-Riżorsi Umani tal-ETF. Dan huwa mistenni li jsir f' **Jannar 2021**.

Fażi 2 – Intervisti u testijiet bil-miktub

Il-bord se jivvaluta l-esperjenza professjonali tal-kandidati u l-ħiliet meħtieġa għall-kariga u għal Aġenti Temporanji tal-UE permezz ta' intervista u testijiet bil-miktub. Mill-inqas parti waħda tat-testijiet se tiġi evalwata b'mod anonimu. L-intervista u t-testijiet bil-miktub se jsiru primarjament bl-Ingliż.

Mat-tlestija ta' din il-fażi, il-bord se jippreżenta quddiem id-Direttur tal-ETF lista ta' kandidati meqjusa l-aktar konformi mal-kriterji tal-għażla - wara li jkunu laħqu mill-anqas:

- 70 % tal-punti allokat għall-ħiliet personali, u
- 70 % tal-punti allokat għall-ħiliet tekniċi u l-esperjenza professjonali rilevanti

Din il-fażi hija mistennija li ssir fi **Frar 2021**. Din tista' tiġi organizzata mill-bogħod.

Fażi 3 – Lista ta' riżerva

Meta titqies il-proposta magħmula mill-bord, id-Direttur tal-ETF se jistabbilixxi lista ta' riżerva bil-kandidati l-aktar xierqa.

Din il-lista se tkun valida sal-31 ta' Diċembru 2021. Il-validità tagħha tista' tiġi estiża jekk jiddeċiedi hekk id-Direttur. L-inklużjoni fil-lista ma tiggarrantixxi offerta ta' impjieg.

Meta pożizzjoni ssir battala jew tkun trid tiġi koperta, id-Direttur jista' joffri impjieg lil kandidat fil-lista li l-profil tiegħu jissodisfa l-aħjar il-ħtiġijiet tal-ETF f'dak il-mument.

Ix-xogħol tal-bord

Ix-xogħol u d-deliberazzjonijiet tal-bord huma kunfidenzjali b'mod strett u kwalunkwe kuntatt mal-membri tiegħu mhuwiex permess. F'każ li dawn jiġu kkuntattjati, dan jista' jikkostitwixxi raġunijiet għal skwalifika mill-proċedura.

Kundizzjonijiet kuntrattwali

Kuntratt ta' impjieg

Il-kuntratt ta' impjieg għandu jew (a) durata fissa ta' tliet snin u jista' jiġġedded jew (b) durata ta' proġett speċifiku. Huwa soġġett għal perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Il-kuntratti ta' Aġent Temporanju huma skont l-Artikolu 2(f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra (CEOS) tal-Unjoni Ewropea. B'dan it-tip ta' kuntratt, l-impjegat ikun marbut bis-CEOS kif ukoll bir-Regoli ta' Implimentazzjoni rilevanti.

L-ETF se tkun marbuta bil-kuntratt ta' impjieg li jiġi offrut biss jekk il-kandidat magħżul, qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, ikun:

- ipprova kopji oriġinali jew iċċertifikati tad-dokumenti rilevanti kollha li jagħtu prova tal-eliġibbiltà tiegħu, inkluż rapport nadif tal-pulizija;
- għamel eżami mediku obligatorju li jistabbilixxi li huwa jissodisfa l-istandard ta' saħħa fiżika neċessarja biex jaqdi d-dmirijiet involuti

- informa lill-ETF bi kwalunkwe kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali u jkun tqies li ma għandu l-ebda interess personali b'tali mod li jdgħajjef l-indipendenza tiegħu jew kwalunkwe kunflitt ta' interess ieħor.

Salarju u benefiċċji

Skont is-sitwazzjoni personali tagħhom, il-membri tal-persunal jistgħu jkunu intitolati għal diversi benefiċċji bħall-benefiċċju tal-espatrijazzjoni, il-benefiċċju tal-unità domestika, il-benefiċċju ta' wild dipendenti, il-benefiċċju tal-edukazzjoni, eċċ. Is-salarju huwa soġġett għal taxxa Komunitarja mnaqqsa f'ras il-għajn u l-membri tal-persunal huma eżentati mit-tassazzjoni nazzjonali.

Informazzjoni addizzjonali

Id-dokumenti pprovduti matul il-proċedura tar-reklutaġġ mhux se jiġu ritornati lill-kandidati, iżda se jinżammu fil-fajl għand l-ETF sakemm ikun meħtieġ u mbagħad jiġu meqruda.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni se tapplika għad-*data* personali kollha miġbura għal din il-proċedura.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fl-Istqarrija ta' Privatezza fuq is-sit web tal-ETF.

Il-kandidati li jħossu li l-interessi tagħhom ikunu ġew ippreġudikati bi kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-proċedura jistgħu jressqu lment billi jsegwu l-istruzzjonijiet disponibbli fuq is-sit web tal-ETF.